**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 178/21/F

**Roderick Camilleri u Tiziana Vella**

**vs**

**CSD Electrical Installations – Stephen Dalli**

Illum, 15 ta' Mejju 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-12 ta' Ottubru 2021;

Ra li l-Intimat ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba nhar il-25 ta' Novembru 2021;

Ra li minkejja li ġie debitament notifikat, l-Intimat naqas milli jippreżenta Risposta;

Ra li l-Intimat naqas milli jattendi għas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022, liema seduta kienet intiża għall-produzzjoni tal-provi kollha tiegħu u għalhekk, l-istadju tal-ġbir tal-provi ġie kkunsidrat bħala magħluq u t-Talba tħalliet għas-sentenza;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Colin Vella bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrenti qed jitolbu l-ħlas ossija rifużjoni tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000.00) rappreżentanti parti minn somma akbar li kienu versaw lill-intimat bħala depożitu fuq xogħlijiet ta' installazzjoni elettika u idrawlika fil-fond tagħhom f'Santa Luċija.

Illi fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, ir-Rikorrent Roderick Camilleri ikkonferma l-kontenut kollu tal-Avviż tat-Talba bil-ġurament tiegħu. Spjega li għalkemm ġie mħallas elfejn u ħames mitt Euro (€2,500,00), l-Intimat wettaq biss parti minima mix-xogħol miftiehem u l-ftit xogħol li attwalment sar ma kienx magħmul skont l-arti u s-sengħa tant li kellu jerġa' jinqala' u jsir mill-ġdid minn terzi. Spjega

ulterjorment li l-Intimat ma kien ħareġ l-ebda riċevuta fiskali għall-ammonti ta' flus mgħoddija lilu.

Illi l-istess fatti ġew ukoll ikkonfermati mir-Rikorrenti l-oħra Tiziana Vella waqt ix-xhieda tagħha.

Illi r-Rikorrent ippreżentaw ukoll rapport magħmul minn Jason Galea li jispjega kif il-ftit xogħlijiet imprenduti mill-Intimat kienu pależament magħmula ħażin u saħansitra kien hemm għadd sinifikanti ta' *conduits* tal-elettriku li ma jwasslu għal imkien u li oħrajn tant kienu mgħawwġin li ma jippermettix li jgħaddi minnhom l-azzar biex isir il-*wiring*.

Illi intant, bin-nuqqas tal-Intimat li jressaq Risposta u li jattendi għas-seduti biex iressa il-provi, effettivament naqas milli jikkonesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellu kull opportunità li jagħmel dan li kieku ried.

Illi jirriżulta li dak li qed jitolbu r-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħhom bħala Konsumaturi u li l-Intimat, bħala appaltatur kellu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b'mod li juri difetti. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra mifteħma skond is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "*l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).

Illi t-Tribunal iqis li li minn dan il-lat, ir-Rikorrenti rnexxielhom jipprovaw il-każ tagħhom sodisfaċentament u skont il-liġi;

Illi għal dak li jikkonċerna l-kwantum tat-talba magħmula mir-Rikorrenti, u ċioè jekk it-talba ta' elfejn Euro (€2,000.00) avvanzata minnhom hijiex ġustifikata, it-Tribunal jirreferi għal ġurisprudenza li ssostni li "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba għal rimborż ta' elfejn Euro (€2,000.00) magħmula mir-Rikorrenti hija verosimili u ġusta u għalhekk tistoqq akkoljiment.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u konsegwentament jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' elfejn Euro (€2,000.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***